MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2009

Numru 1136/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**

**ACRAM ELNAIB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Acram Elnaib ta' 20 sena, bin Nasser Mohammed u Agnes nee' Bonnici, imwieled 04 ta' Awissu 1988 Pieta', u residenti 9, Sqaq Has-Sajjied Nru. 2, Birkirkara ID 356188M.

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-19 ta' Ottubru 2008, ghal-habta ta' l-erbgha u nofs ta' filghodu (04:30a.m), fi Triq Wilga, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:-

1 Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Clyde Mercieca, skond kif gie iccertifikat mit-tabib Dr. Angie Galea MD.

2 Volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Clyde Mercieca jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ flus li tigi iffisata mill-Qorti (Art 383 ta’ Kap 9).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok TM3 u nnutat li l-imputat Acram Elnaib m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Clyde Mercieca iddikjara li huwa jahfer lill-imputat dwar l-akkadut u inoltre iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 214, 216 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Acram Elnaib, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta’ tenera tal-imputat, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u dak dikjarat mill-parte civile Clyde Mercieca fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-imputat Acram Elnaib taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Acram Elnaib ghall-piena ta’ tmienja u hamsin Euro (Euro 58) ammenda.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Acram Elnaib b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 232.94) li jzomm il-kwiet ma’ Clyde Mercieca u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Acram Elnaib l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------